*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

It-Tlieta 9 ta' Frar 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier (virtwalment)
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (virtwalment)
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **23.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 23.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sur Thomas Debattista talab li jattendi ghall-laqgha virtwalment ghax qieghed fuq kwarantina obbligatorja, filwaqt li fakkret lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli kien talab sabiex jattendi ghall-laqgha virtwalment biex jissalvagwardja lill-dawk prezenti peress li jahdem l-isptar. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **23.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 23.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 22 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 23.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s-Sa Anabelle Marmara' ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 22 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **23.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 23.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jigu ordnati 20 tunellata *asphalt* sabiex fil-jiem li gejjin isiru xi hofor li hemm fit-Toroq. Is-Sindku spjega li dan ix-xoghol se jsir bhala *joint venture* mal- *Works Division* ta' *Infrastructure* Malta minhabba li l-hofor iridu isiru bir-romblu. |
| 23.3.2 | Is-Sindku ghamel refernza ghat-Triq u l-bankina li cedew f'Misrah is-Suq wara l-Knisja u spjega li x-xoghol sar minnufih minn *Infrastructure Malta*. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li flimkien mal-Arcipriet irringrazzjaw lill-*Infrastructure* Malta tal-ghajnuna immedjata taghhom f' dan ir-rigward. |
| 23.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-iskema dwar ir-Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f' Malta 2020/2021 li giet diskussa fil-laqgha precedenti hija kwazi konkluza u l-applikazzjoni se tintbghat nhar il-Hamis 11 ta' Frar 2021. |

| | |
|---|---|
| 23.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha virtwali mal-Perit imqabbad mir-Regjun Xlokk sabiex jigi diskuss il-Progett tas-*Slow Streets*. Is-Sindku spjega li fil-jiem li gejjin se jkun qed jiddiskuti Gnien Penza mal-Perit li se jigi ngaggat mill-Kunsill sabiex l-istess Gnien jigi *open space* u hekk ikun amalgamat mal-Progett tas-*Slow Streets*. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jzommom aggornati sabiex jigu diskussi ideat innovattivi u jekk ikun hemm qbil Gnien Penza jigi rinovat mill-fondi tad-DPF, sebbah il-lokal. Is-Sindku temm jghid li l-Kunsill ma jridx jinsa' li hemm possibilta' kbira li l-entratura tat-Tempji Neolitici gejja f din l-akwata. |
| 23.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2021 s-Segretarju Ezekuttiv se tattendi laqgha virtwali tas-*Small Grant Scheme*,(SGS) Norway Grants ghax se tohrog applikazzjoni ohra ghal dawn il-fondi. Is-Sindku spjega li hemm cans minimu li l-applikazzjoni tal-Kunsill tigi approvata peress li l-Kunsill diga' applika u se jibbenifika minn dawn il-fondi fix-xhur li gejjin. |
| 23.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal- Vici Sindku attenda laqgha ma' *Infrastructure Malta* rigward id-direzzjoni tat-traffiku ghal go Hal Tarxien. Is-Sindku spjega li gew infurmati li t-*traffic lights* tat-Triq tal-Barrani se jitnehhew u nforma lill-dawk prezenti li flimkien mal-Vici Sindku ppropone w li tizdied rotta ohra ghall-Belt Valletta u anke talbu sabiex tigi kunsidrata l-proposta li ssir venda bit-tinda. Is-Sindku nforma lill-Kunsillera li flimkien mal-Vici Sindku saret talba ohra lill-*Infrastructure Malta* sabiex tigi kkunsidrata l-possibilta' li ssir *zebra crossing* bit-*traffic lights* fit- Triq tal-Barrani, biex is-sidien tal-ghelieqi jkunu jistghu jaqsmu minn Triq Sqajjaq ghall-lokalita' ta' Santa Lucija. |
| **23.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 23.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **23.5** | **Rapporti** |
| 23.5.1 | Permezz ta' Cirkulari *SPI*/SCI/3/2021 datata 2 ta' Frar 2021 minghand id-Divizzjoni tal-Gvern Lokali il-Kunsill gie nfurmat bi *"Skema ghall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021"*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu japplika ghal din l-iskema u jorganizza attivita kulturali fejn fost affarijiet ohra tkun ibbazata l-aktar fuq festa tal-helu kemm Malti kif ukoll internazzjonali. |



J.A.G.

| | |
|---|---|
| 23.5.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta il-*Quarterly Financial Report* ghall-perjodu 1 ta' Jannar sa l-ahhar ta Dicembru 2020, Il-*Financial Statements* ghas-sena 2020, il-*Budget* ghas-sena 2021,(*updated*) u l-*Buisness Plan* ghas-sena 2021-2025,(*updated*). Is-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall ir-rapporti u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera sar qbil unanimu u li r-Rapporti msemmija jigu approvati. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-*Financial Audit* ghas-sena 2020 se jibda nhar it-22 ta Marzu 2021 u l-Awdituri se jkunu Grant Thornton. |
| 23.5.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li minn Jannar 2021 l-*Allowance* taghhom inkluz il-maggoranza tal-pagamenti tal-Kunsill se jibdew jithalsu b'*Direct Debit* fil-kont bankarju u mhux b'cekk. |
| 23.5.4 | Permezz ta' Cirkulari *SPI*/SCI/8/2020 datata 17 ta' Dicembru 2020 minghand id-Divizzjoni tal-Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bi skema "Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Rahal Kulturali tas-Sena 2000. Is-Sindku ghamel referenza ghad-decizzjoni li kien ha l-Kunsill sabiex japplika ghal din l-skema. Is-Sindku spjega li din l-iskema fiha hafna impenn u taf ma' tintrebahx, ghaldaqstant ppropona li l-Kunsill ma japplikax ghaliha imma jistenna skemi ohra li jkunu aktar fattibli. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti sar qbil unanimu li l-Kunsill ma' japplikax ghal din l-iskema imma jistenna skemi ohra tal-Kultura li johorgu minn zmien ghal zmien bhal ma hi l- is*kema ghall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021.* |
| **23.6** | **Mozzjonijiet** |
| 23.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **23.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 23.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li t-*Tender tar-Reach Out Centre-Community Hall,* gie ppublikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern nhar il-Gimgha 5 ta' Frar 2021 u kkonferma li saret *site-visit* fuq il-post nhar id-9 ta' Frar 2021 fl-10 ta' filoghdu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li jehtieg li jigu appuntati l-*bidders, Chairman* u l-*opening staff.* Wara diskussjoni libera gie deciz li l-*bidders* u c-*Chairman* ikunu nies professjonali filwaqt li l-opening staff ikunu haddiem tal-Kunsill. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **23.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 23.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 19/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Jannar/Frar 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 23.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Christian Pace ssekondata mis-Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **23.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 23.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.45p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 10 ta' Marzu 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 9 ta' Frar 2021.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*